KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fl-24 ta' Jannar 2019 [1]

Kawża C-689/17

Conti 11. Container Schiffahrts-GmbH & Co. KG MS "MSC Flaminia"
vs
Land Niedersachsen

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht München I (il-Qorti Reġjonali ta' München I, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Konvenzjoni ta' Basel – Regolament (KE) Nru 1013/2006 – Trasferiment ta' skart – Residwi minħabba ħsara f'ibħra internazzjonali – Artikolu 1(3)(b) – Esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni – Skart prodott abbord bastimenti"

1. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja għad ma kellhiex l-okkażjoni li tinterpreta l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart [2], din il-kawża kif ukoll il-kawża ReFood (C-634/17) [3] jagħtuha l-opportunità li tagħmel xi kjarifiki importanti fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan it-test.

2. F'dan il-każ, wara ħsara fl-ibħra internazzjonali [4], il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba mil-Landgericht München I (il-Qorti Reġjonali ta' München I, il-Ġermanja) sabiex tiddetermina jekk residwi dovuti għal din il-ħsara, fil-forma ta' skart ta' metall u tal-ilma għat-tifi tan-nar imħallta ma' ħama u residwi ta' tagħbija abbord bastiment jaqgħux taħt l-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006, li jgħid li "skart iġġenerat fuq vetturi, ferroviji, ajruplani u bastimenti, sakemm l-imsemmi skart ikun skarikat sabiex ikun irkuprat jew jintrema" huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

3. Bla preċedent, il-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1013/2006 hija, barra minn hekk, delikata. Mingħajr dubju, il-ġestjoni tal-iskart u t-trasferimenti tiegħu huma, fil-preżent, kwistjonijiet sensittivi ħafna, b'mod partikolari fid-dawl tal-isfidi marbuta mar-rispett tal-ambjent fil-qasam tal-iskart.

4. Id-diffikultajiet imqajma minn dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari huma aċċentwati mill-fatt li l-ħsara seħħet fl-ibħra internazzjonali, li l-preservazzjoni tagħhom hija kruċjali għall-protezzjoni tal-ambjent u, b'mod partikolari, għall-protezzjoni u għall-konservazzjoni tal-flora u tal-fawna tal-baħar.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 ĠU 2006, L 190, p. 1.

3 Ara l-konklużjonijiet tiegħi ta' dan l-istess jum.

4 Għall-finijiet tal-Artikolu 86 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, iffirmata f'Montego Bay fl-10 ta' Diċembru 1982, li daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Novembru 1994 u approvata, f'isem il-Komunità, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 4, Vol. 3,p. 260, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Montego Bay"). Skont dan l-artikolu, l-ibħra internazzjonali jestendu għall-partijiet kollha tal-baħar, minbarra l-baħar territorjali, iż-żona ekonomika esklużiva, l-ilmijiet interni u arċipelaġiċi.

5. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nesponi, prinċipalment, li, fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006, tas-sistema u tal-iskop ta' dan ir-regolament, residwi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma "skart iġġenerat fuq […] bastimenti" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni u għaldaqstant l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament hija eskluża fir-rigward tagħhom.

6. Peress li matul id-diskussjonijiet il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistiedna tiddeċiedi fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006, filwaqt li l-bastiment u l-iskart daħlu f'port fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, sussidjarjament, ser nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tagħtix risposta għal din id-domanda mhux magħmula mill-qorti tar-rinviju jew li tirrispondiha fin-negattiv sabiex jiġi osservat il-kliem, ċar ħafna, ta' din id-dispożizzjoni.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt internazzjonali

7. L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-kontroll tal-movimenti transkonfinali ta' skart perikoluż u r-rimi tiegħu, iffirmata f'Basel fit-22 ta' Marzu 1989 u approvata, f'isem il-Komunità, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/98/KEE tal-1 ta' Frar 1993 [5], jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-konvenzjoni. Għal dan l-iskop, tistabbilixxi fil-paragrafi 1 u 4 tagħha:

"1. L-iskart li ġej li hu bla ħsara għall-moviment li jaqsam il-fruntieri għandu jkun 'skart ta' riskju' għall-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni:

a) l-iskart li jappartjieni għal kull kategorija li tinsab fl-Anness I, għajr jekk ma jippossjiedi l-ebda karatterstika li tinsab fl-Annes III; u

b) l-iskartt li mhux kopert bil-paragrafu (a) imma li hu ddefinit, jew ikkunsidrat li huwa skart ta' riskju mill-leġislazzjoni domestika tal-Parti esportatur, importatur jew tat-transitu.

[…]

4. L-iskart li jkun ġej mill-ħidmiet normali ta' bastiment, li l-iskarigu tiegħu huwa kopert bi strument internazzjonali ieħor, hwua eskluż mill-iskop ta' din il-Konvenzjoni".

8. L-Artikolu 2(3) ta' dik il-konvenzjoni jgħid:

"Għall-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni

[…]

3) moviment li jaqsam il-fruntieri jfisser kull moviment ta' l-iskart ta' riskju jew skart ieħor minn żona taħt il-ġuridizzjoni ta' Stat lejn jew minn żona taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali ta' Stat ieħor jew lejn jew minn żona taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali ta' l-ebda Stat, sakemm ikunu involuti mill-inqas żewġ Stati fil-moviment".

9. L-Artikolu 4(1) u (2)(d) tal-Konvenzjoni ta' Basel jistabbilixxi

5 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 18, p. 301, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Basel".

"1. a) Il-Partijiet li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jipprojbixxu l-importazzjoni tal-ikart ta' riskju jew skart ieħor ieħor sabiex jiddisponu minnu għandhom jgħarrfu lill-Partijiet l-oħra dwar id-deċiżjoni tagħhom skont l-Artikolu 13.;

b) Il-Partijiet għandhom jipprojbixxu jew ma għandhomx jagħtu permessi lill-esportazzjoni tal--ikart ta' riskju u skart ieħor lill-Partijiet li jkunu pprojbixxew l-importazzjoni ta' dan l-iskart, meta nnotifikati skont is-subparagrafu (a).;

ċ) Il-Partijiet għandhom jipprojbixxu jew ma għandhomx jagħtu permessi lill-esportazzjoni ta' l-iskart ta' riskju u skart ieħor jew l-Istat importatur ma jagħtrix il-kunsens tiegħu bil-miktub għall-esportazzjoni speċifika, fil-każ meta dan l-Istat importatur ma jkunx ipprojbixxa l-importazzjoni ta' dan l-iskart.

2. Kull Parti għandha tieħu l-miżuri approprjati sabiex:

[…]

d) tiżgura illi l-movimnt ta' l-iskart ta' riskju u skart ieħor li jaqsam il-fruntieri jintnaqqas għall-minimu konsistenti mal-ġestjoni ambjentalment soda u effiċjenti ta' dan l-iskart, u jkun kondott f'manjiera li trid tipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kontra l-effetti negattivi li jistgħu jirriżultaw minn dan il-moviment;"

B. Id-dritt tal-Unjoni

10. Il-premessi 1, 3, 7 sa 9, 14 u 31 tar-Regolament Nru 1013/2006 jipprovdu li:

"(1) L-għan u l-komponent ewlieni u predominanti ta' dan ir-Regolament huwal-protezzjoni ta' l-ambjent, filwaqt li l-effetti tiegħu fuq il-kummerċ internazzjonali huma biss inċidentali

[…]

(3) […] Permezz ta' l-adattoment tar-Regolament (KEE) Nru 259/93 [6], il-Kunsill stabbilixxa regoli sabiex inaqqas u jikkontrolla tali movimenti mfassla, inter alia, sabiex is-sistema Komunitarja eżistenti għas-superviżjoni u l-kontroll ta' movimenti ta' skart tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni ta' Basel,

[…]

(7) Huwa importanti li jiġu organizzati u regolati s-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart b'mod li jittieħed kont tal-ħtieġa li jiġu ppreżervati, protetti u mtejba l-kwalità ta' l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem u b'mod li jippromovi applikazzjoni iktar uniformi tar-Regolament fil-Komunità kollha.

(8) Huwa wkoll importanti li jittieħed kont tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 4(2)(d) tal-Konvenzjoni ta' Basel li l-vjeġġi ta' skart perikoluż għandhom jitnaqqsu għal minimu konsistenti ma' l-immaniġġar ambjentali san u effikaċi ta' tali skart.

(9) Barra minn hekk, huwa importanti li jittieħed kont tad-dritt ta' kull Parti għall-Konvenzjoni ta' Basel, skont l-Artikolu 4(1) tagħha li tipprojbixxi l-importazzjoni ta' skart perikoluż elenkat fl-Anness II ma' dik il-Konvenzjoni.

6 Regolament tal-Kunsill tal-1 ta' Frar 1993 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjaġġi bil-baħar ta' skart fi, għal u mill-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 15, Vol. 2, p. 176).

[…]

(14) Fil-każ ta' vjeġġi ta' skart destinat għal operazzjonijiet ta' rimi u skart mhux elenkat fl-Anness III, IIIA jew IIIB destinat għal operazzjonijiet ta' rkupru, huwa xieraq li jiġu żgurati l-aqwa superviżjoni u kontroll billi jkun meħtieġ permess bil-miktub bil-quddiem għal tali vjeġġi. Tali proċedura għandha, imbagħad, tagħti lok għal notifika minn qabel, li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jkunu informati bix-xieraq sabiex ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent. Għandha wkoll tippermetti lil dawk l-awtoritajiet iqajmu oġġezzjonijiet motivati għal tali vjeġġi.

[…]

(31) Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat b'mod konformi mal-liġi internazzjonali marittima."

11. Skont l-Artikolu 1(1) u (3)(a) u (b) ta' dan ir-regolament:

"1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċeduri u reġimi ta' kontroll għall-vjeġġi tal-iskart, skont l-oriġini, id-destinazzjoni u r-rotta tal-vjaġġ, it-tip ta' skart trasportat u t-tip ta' trattament li għandu jiġi applikat fuq l-iskart fid-destinazzjoni tiegħu.

[…]

3. Dan li ġej għandu jkun eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:

a) il-ħatt għal fuq ix-xatt ta' skart, inkluż ilma skart u residwi, ġenerat mill-operazzjoni normali ta' bastimenti u ta' pjattaformi ta' fuq il-baħar bil-kundizzjoni li tali skart ikun suġġett għar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Bastimenti, 1973, kif modifikata bil-Protokoll tal-1978 relatat ma' dan (Marpol 73/78) [7], jew strumenti internazzjonali li jorbtu oħrajn;

b) skart iġġenerat fuq vetturi, ferroviji, ajruplani u bastimenti, sakemm l-imsemmi skart ikun skarikat sabiex ikun irkuprat jew jintrema."

12. L-Artikolu 2(1) u (2) ta' dan ir-regolament jiddefinixxi, għall-finijiet ta' dan, l-"[i]skart" u l-"[i]skart perikoluż" kif ġej:

"1) 'skart' huwa kif definit fl-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 2006/12/KE [8];

2) 'skart perikoluż' ifisser kull skart li kopert mill-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar skart perikoluż [9]";

13. Skont l-Artikolu 2(33) tal-imsemmi regolament, "trasport" ifisser "il-ġarr ta' skart bit-triq, ferrovija, ajru, baħar jew kanali interni".

7 Iffirmata f'Londra fit-2 ta' Novembru 1973 u kkompletata bil-protokoll tas-17 ta' Frar 1978, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni Marpol".

8 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-iskart (ĠU 2006, L 114, p. 9). Dan l-artikolu jiddefinixxi "skart" bħala "kwalunkwe sustanza jew oġġett fil-kategoriji stabbiliti fl-Anness I li d-detentur jarmi jew bi ħsiebu jew huwa meħtieġ li jarmi".

9 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 15, Vol. 2, p. 78. Il-lista ta' skart perikoluż tidher fid-Deċiżjoni 2000/532/KE tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skond l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skond l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU 2000, L 226, p. 3).

14. L-Artikolu 2(34), tar-Regolament Nru 1013/2006 jiddefinixxi, għall-finijiet tiegħu, "vjeġġ" bħala t-trasport ta' skart destinat għal irkupru jew rimi li huwa ppjanat jew li jseħħ, b'mod partikolari, bejn pajjiż u pajjiż ieħor jew bit-tluq minn żona ġeografika li ma hija taħt il-ġurisdizzjoni ta' ebda pajjiż, lejn pajjiż.

15. Skont l-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament, il-vjaġġi li s-suġġett tagħhom ikun skart intiż għar-rimi jew skart iddestinat għall-irkupru, fir-rigward ta' dan tal-aħħar dan għandu jsegwi l-proċeduri stabbiliti f'dak ir-regolament meta dan jinkludi b'mod partikolari skart fil-lista oranġjo[10], huma suġġetti għall-proċedura ta' notifika u kunsens bil-miktub minn qabel prevista f'dan ir-regolament. Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 1013/2006, ir-rekwiżiti ġenerali fil-qasam ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament japplikaw meta l-vjaġġ jirrigwarda kwantità ikbar minn 20 kg ta' taħlitiet ta' ċertu skart jew ta' ċertu skart ikkontaminat.

II. Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

16. Il-bastiment MSC Flaminia huwa bastiment li jġorr il-kontejners li kien itajjar, matul il-perijodu rilevanti, il-bandiera Ġermaniża u huwa proprjetà ta' Conti 11. Container Schiffahrts-GmbH & Co. KG MS "MSC Flaminia"[11], rikorrenti fil-kawża prinċipali.

17. Filwaqt li dan il-bastiment tal-kontejners kien mgħobbi b'4 808 kontejner, li minnhom 151 imsejħa b'"sustanzi perikolużi", fir-rotta bejn Charleston (l-Istati Uniti tal-Amerika) u Antwerpen (il-Belġju), kien hemm, fl-14 ta' Lulju 2012, nar akkumpanjat bi splużjonijiet abbord.

18. Fil-21 ta' Awwissu 2012, Conti kisbet l-awtorizzazzjoni li tirmonka l-bastiment tal-kontejners fl-ibħra Ġermaniżi. Skont l-ittra tal-Havariekommando (iċ-Ċentru ta' Kmand f'każ ta' Urġenza Marittima, il-Ġermanja), tal-25 ta' Awwissu 2012, Conti kienet tpoġġiet taħt l-obbligu li tfassal pjan għas-segwitu tal-operazzjonijiet u li tindika eventwali msieħba kuntrattwali għall-miżuri korrispondenti.

19. Fit-8 ta' Settembru 2012, il-bastiment laħaq il-pożizzjoni ta' stennija li kienet ġiet assenjata lilu miċ-ċentru ta' kmand f'każ ta' emerġenza marittima f'baħar fond jagħti għall-port fiż-żona li tinsab fil-Punent ta' Heligoland (il-Ġermanja) u fid-9 ta' Settembru 2012, huwa ġie rmunkat f'Wilhelmshaven (il-Ġermanja). Wara diskussjoni mal-awtoritajiet Ġermaniżi, Conti impenjat ruħha b'mod partikolari li tiżgura t-trasferiment sigur tal-MSC Flaminia lejn it-tarzna li tinsab f'Mangalia (ir-Rumanija) u li tiggarantixxi trattament xieraq tas-sustanzi li kienu abbord il-bastiment.

20. Permezz ta' ittra tat-30 ta' Novembru 2012, in-niedersächsisches Umweltministerium (il-Ministeru tal-Ambjent tal-Land ta' Niedersachsen, il-Ġermanja) informa lil Conti li l-bastiment innifsu, "kif ukoll l-ilma għat-tifi tan-nar abbord, l-istess bħall-ħama u l-iskart ta' metall, għandhom jiġu kklassifikati bħala 'skart'" u li, għalhekk, kienet meħtieġa proċedura ta' notifika. Permezz ta' ittra tat-3 ta' Diċembru 2012, Conti kkontestat din l-evalwazzjoni.

21. Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Diċembru 2012, il-Gewerbeaufsichtsamt Oldenburg (l-Ispettorat tax-Xogħol ta' Oldenburg, il-Ġermanja) obbliga lil Conti timplimenta proċedura ta' notifika minħabba l-iskart ta' metall abbord u tal-ilma għat-tifi tan-nar imħallat bil-ħama u residwi ta' tagħbija. Barra minn hekk, Conti ġiet ipprojbita milli tneħħi l-bastiment mill-post fejn kien jinsab qabel l-għeluq tal-proċedura ta' notifika u l-preżentazzjoni bil-lingwa Ġermaniża ta' proġett verifikabbli ta' rimi tal-iskart.

10 Idderivat mir-regolamenti tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) u l-Konvenzjoni ta' Basel. Il-klassifikazzjoni tal-iskart f'żewġ listi, ħodor u oranġjo, tiddependi mill-perikolożità tal-iskart u l-proċeduri applikabbli għat-trasferimenti tiegħu. Dwar il-klassifikazzjoni u l-konsegwenzi ta' dan, ara de Sadeleer, N., *Droit des déchets de l'UE, De l'élimination à l'économie circulaire*, Bruylant, Brussell, 2016, p. 360, 364, u 378 sa 382.

11 Iktar 'il quddiem "Conti".

22. Fit-18 ta' Frar 2013, filwaqt li l-proċedura ta' notifika għat-trasferiment tal-ilma għat-tifi tan-nar lejn id-Danimarka kienet ingħalqet, beda l-ippompjar tal-ilma għat-tifi tan-nar. Ladarba kien possibbli li jiġi stmat l-ammont tal-ilma għat-tifi tan-nar li ma setax jiġi ppompjat, fis-26 ta' Frar 2013 bdiet il-fażi segwenti tal-proċedura ta' notifika mar-Rumanija.

23. Fl-4 ta' Jannar 2013, Conti ppreżentat rikors amministrattiv kontra d-deċiżjoni tal-4 ta' Diċembru 2012. Biex jiġi evitat id-dewmien, Conti ssottomettiet ruħha għal proċedura ta' notifika, taħt protesta u mingħajr ma rrikonoxxiet li b'dan il-mod kienet qed tonora obbligu legali. B'ittra tat-3 ta' April 2013, l-Ispettorat tax-Xogħol ta' Oldenburg iddeċieda li r-rikors amministrattiv ma kienx għad għandu skop.

24. Il-kapijiet tad-danni invokati minn Conti quddiem il-qorti tar-rinviju jinkludu, b'mod partikolari, l-ispejjeż tal-proċeduri ta' notifika li hija kellha ssofri. F'dan ir-rigward, Conti tikkunsidra li kien illegali li s-sustanzi li kienu jinsabu ġewwa l-bastiment jiġu kklassifikati bħala "skart", u konsegwentement li tiġi ordnata l-implimentazzjoni ta' proċedura ta' notifika.

25. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, peress li d-dannu invokat minn Conti jinkludi l-ispejjeż tal-implimentazzjoni tal-proċedura ta' notifika, l-eżistenza ta' dritt għal kumpens, jippreżupponi li r-Regolament Nru 1013/2006 ma kienx applikabbli għar-residwi tal-avarija f'dan il-każ u li dawn l-ispejjeż kienu ġew iġġenerati biss minħabba li l-Ispettorat tax-Xogħol ta' Oldenburg eżiġa l-implimentazzjoni ta' din il-proċedura.

26. Din il-qorti tistaqsi jekk l-Artikolu 1(3)(b) ta' dan ir-regolament huwiex applikabbli għal residwi tal-avarija, f'liema każ it-trasferiment tar-residwi inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament. Skont l-imsemmija qorti, la minn kliem l-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006, la mix-xogħol preparatorju u la mill-premessi u lanqas mill-istruttura ta' dan ir-regolament ma jirriżulta li l-iskart/ir-residwi dovuti għal avarija għandhom jaqgħu taħt din id-dispożizzjoni.

27. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landgericht München I (il-Qorti Reġjonali ta' München I) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Residwi minħabba ħsara ta' vapur fuq il-baħar [avarija], fil-forma ta' skart ta' metal u ilma għat-tifi tan-nar imħallat ma' ħama u residwi ta' tagħbija abbord vapur, huma 'skart iġġenerat fuq vetturi, ferroviji, ajruplani u bastimenti' fis-sens tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006?"

III. Analiżi

28. Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 huwiex applikabbli għall-iskart inkwistjoni, jiġifieri residwi dovuti għal avarija, fil-forma ta' skart ta' metall u tal-ilma għat-tifi tan-nar imħallat ma' ħama jew residwi ta' tagħbija.

29. Minn dan jirriżulta li din il-kwistjoni tirrigwarda l-applikabbiltà *ratione materiae* tal-esklużjoni stabbilita fl-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 għal skart bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

30. Ninnota wkoll li l-qorti tar-rinviju indikat b'mod ċar u espliċitu fid-deċiżjoni tar-rinviju li l-"kwistjoni ta' jekk l-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament [Nru 1013/2006] għadux applikabbli *ratione temporis* meta l-bastiment kien f'port sigur u diġà ddispona minn parti mill-iskart, ma hijiex qed tiġi sottomessa lill-[Qorti tal-Ġustizzja]". Għaldaqstant, huwa ċar li, permezz ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, dik il-qorti tistaqsi biss lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikabbiltà *ratione materiae* tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-applikabbiltà tar-regolament bejn il-post tal-ħsara u l-Ġermanja.

31. Issa, il-Kummissjoni stiednet, saħansitra ħeġġet, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha u waqt is-seduta, lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi wkoll dwar l-applikabbiltà ta' din id-dispożizzjoni għat-trasferimenti sussegwenti tal-iskart.

32. F'dan ir-rigward, huwa ċertament veru li billi t-trasferiment tal-iskart inkwistjoni nqasam f'numru ta' perijodi, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 tista' tmiss ukoll dan il-punt [12]. Madankollu, għal raġunijiet li ser nispjega iktar fid-dettall fil-punti 75 sa 77 ta' dawn il-konklużjonijiet, inqis li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti risposta għal domanda li ma saritilhiex u li l-qorti tar-rinviju espliċitament eskludiet mill-kamp tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

33. Għalhekk, l-ewwel nett u prinċipalment, ser nirrispondi d-domanda preliminari kif ifformulata mill-qorti tar-rinviju fl-osservanza tal-punti prinċipali tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari identifikati minn din l-istess qorti. It-tieni nett, imma sussidjarjament biss, ser neżamina l-kwistjonijiet imqajma mit-trasferimenti sussegwenti ta' skart mal-wasla tal-MSC Flaminia fil-Ġermanja. Għaldaqstant, minbarra d-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, ser niddetermina jekk l-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 huwiex applikabbli għal trasferimenti sussegwenti tal-iskart inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

A. Prinċipalment

34. Fir-rigward tal-kwistjoni kif magħmula mill-qorti tar-rinviju fil-kuntest iddefinit minnha stess, ir-risposta hija, fil-fehma tiegħi, evidenti.

35. Qabelxejn, nosserva li l-klassifikazzjoni ta' residwi għall-eliminazzjoni abbord l-MSC Flaminia bħala skart ma ġietx diskussa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja [13] u, barra minn hekk, ma jidhirx li ġiet realment suġġetta għal diskussjoni. Fil-fatt, skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1013/2006, għandhom jitqiesu bħala skart għall-finijiet ta' dan ir-regolament, l-oġġetti li jaqgħu taħt id-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 2006/12 [14]. Issa, kif il-Kummissjoni ġustament irrilevat, ir-residwi inkwistjoni huma ddestinati għal rimi jew irkupru.

36. F'dak li jirrigwarda l-applikabbiltà tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006, jeħtieġ, għall-finijiet ta' risposta lill-qorti tar-rinviju, li jitfakkru r-regoli li jirregolaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

12 Għalhekk, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-iskart prodott bħala riżultat tal-avarija ġie l-ewwel ittrasferit mis-sit tal-avarija sal-Ġermanja. Imbagħad parti mill-ilma għat-tifi tan-nar kien ippompjat u ttrasferit lejn id-Danimarka u mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta b'mod ċar li dan it-trasferiment ma sarx abbord l-MSC Flaminia. Finalment, fil-15 ta' Marzu 2013, il-bastiment telaq lejn ir-Rumanija fejn, minn naħa, kellu jissewwa u, min-naħa l-oħra, l-iskart li baqa' abbord kellu jiġi ttrattat.

13 Jekk ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat sa liema punt l-attriċi fil-kawża prinċipali argumentat quddiem l-awtoritajiet u l-qrati Ġermaniżi li l-oġġetti ma għandhomx jiġu kklassifikati bħala "skart", bilfors għandu jiġi kkonstatat li quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja hija tkellmet biss fuq is-sinjifikat u l-applikabbiltà tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 fil-każ preżenti, billi donnha telqet mill-prinċipju li r-residwi inkwistjoni għandhom jiġu kkwalifikati bħala "skart".

14 Id-Direttiva 2006/12 tħassret u ġiet issostitwita bid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU 2008, L 312, p. 3). Skont l-Artikolu 3(1) tagħha, l-iskart hu magħmul minn "kwalunkwe sustanza jew oġġett li d-detentur jarmi jew bi ħsiebu jew huwa meħtieġ li jarmi"; id-direttiva l-ġdida għalhekk ma biddlitx sostanzjalment id-definizzjoni u sempliċement ħassret ir-referenza għall-Anness I (ara n-nota f'qiegħ il-paġna 8 ta'dawn il-konklużjonijiet).

37. F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, imma wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet li l-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti tfittex li tilħaq [15]. Barra minn hekk, peress li l-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 jipprovdi għal deroga mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament dan għandu, bħala prinċipju, jiġi interpretat b'mod strett.

38. Filwaqt li l-Land Niedersachsen (il-Ġermanja) u l-Kummissjoni sostnew li l-kliem tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 ma jippermettix, waħdu, li tingħata risposta lill-qorti tar-rinviju, fil-fehma tiegħi nikkunsidra, għall-kuntrarju, li dan il-kliem ma joħloqx konfużjoni.

39. Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlatur tal-Unjoni sempliċement indika li huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006 "skart iġġenerat fuq […] bastimenti, sakemm l-imsemmi skart ikun skarikat sabiex ikun irkuprat jew jintrema".

40. Issa, it-tifsira tad-diversi termini hija, fil-fehma tiegħi, nieqsa minn kull ambigwità.

41. It-terminu "skart" għandu jinftiehem b'riferiment għad-definizzjoni ta' dan il-kunċett fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-politika ta' ġestjoni tal-iskart. Għalhekk, dan it-terminu użat fl-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006, jinkludi neċessarjament it-tipi kollha ta' skart sakemm ikun intiż li jiġi mormi jew irkuprat.

42. Fir-rigward taċ-ċirkustanza li r-residwi inkwistjoni f'dan il-każ kienu ġew prodotti fil-kuntest ta' avarija, ninnota li l-uniku rekwiżit tal-leġiżlatur tal-Unjoni biex tapplika l-esklużjoni hija li l-iskart ikun ġie "iġġenerat fuq […] bastimenti". F'dan il-każ, ma huwiex ikkontestat li, peress li l-avarija u n-nirien seħħew abbord l-MSC Flaminia, dawn ir-residwi kienu ġew prodotti abbord dan tal-aħħar.

43. Barra minn hekk, sa fejn il-qorti tar-rinviju tidher li tiddubita mill-fatt li l-espressjoni "skart iġġenerat fuq […] bastimenti" jinkludi skart iġġenerat b'mod fortuwitu jew barra mill-funzjonament normali ta' bastiment, il-partijiet fil-kawża prinċipali u l-Kummissjoni ddiskutew l-importanza, għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006, tal-fatt li l-iskart inkwistjoni ma ġiex prodott matul il-funzjonament "normali" tal-bastiment, imma "b'mod fortuwitu" waqt avarija.

44. F'dan ir-rigward, il-Land Niedersachsen sostna, b'mod partikolari, li l-produzzjoni tal-iskart waqt avarija huwa avveniment tant mhux tas-soltu, li kellu jissemma speċifikament biex jiġġustifika eċċezzjoni għall-applikabbiltà tar-Regolament Nru 1013/2006.

45. Dan l-argument ma jikkonvinċinix.

46. Il-kliem użat fil-verżjonijiet bil-lingwa Spanjola, Daniża, Ġermaniża, Ingliża, Franċiża u Svediża tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006, jiġifieri rispettivament it-termini "generados", "opstået", "anfallen", "generated", "produits", jew "uppkommit", ma jsostnux dan l-argument. Ebda wieħed minn dawn it-termini ma jimplika li l-iskart kellu jkun prodott fil-kuntest tal-funzjonament regolari tal-bastimenti. Għall-kuntrarju, it-terminu "opstået" użat fil-verżjoni bil-lingwa Daniża jinkludi sfumatura li l-iskart ma kienx prodott b'mod normali, imma b'mod mhux previst.

15 Ara s-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2018, Günter Hartmann Tabakvertrieb (C-425/17, EU:C:2018:830, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47. Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni indika biss il-post fejn għandu jkun ġie prodott l-iskart mingħajr ma semma rekwiżiti speċifiċi dwar iċ-ċirkustanzi li fihom dan l-iskart għandu jkun ġie prodott. Għaldaqstant, is-sens komuni tal-kliem "skart iġġenerat fuq […] bastimenti" ma jistax jinftiehem bħala rekwiżit li l-iskart jirriżulta mill-funzjonament normali tal-bastiment.

48. Din il-kunsiderazzjoni hija iktar u iktar valida peress li ma jistax jiġi sostnut li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma pprevediex l-ipoteżi ta' skart iġġenerat barra mill-funzjonament regolari tal-bastimenti, sa fejn dan tal-aħħar għamel tali preċiżazzjoni fl-Artikolu 1(3)(a) tar-Regolament Nru 1013/2006.

49. Fir-rigward taċ-ċirkustanza enfasizzata mill-Kummissjoni li, f'dan il-każ, l-iskart ma kienx jeżisti fil-bidu tal-vjaġġ, din ma hijiex, fl-opinjoni tiegħi, determinanti. Fil-fatt, l-espressjoni "iġġenerat fuq" timplika li l-iskart jiġi prodott matul il-vjaġġ. Barra minn hekk, nosserva li l-kunċett ta' "vjeġġ", kif iddefinit fl-Artikolu 2(34) tar-Regolament Nru 1013/2006 ma jeħtieġx li l-iskart kien jinsab abbord il-bastiment qabel il-bidu tal-vjaġġ u, għalhekk, ifisser li huma wkoll koperti kemm it-trasferimenti mhux mistennija kif ukoll l-iskart li l-produzzjoni tiegħu kienet fortuwita.

50. Minn dan isegwi li l-leġiżlatur tal-Unjoni billi ma stabbilixxa ebda distinzjoni dwar in-natura tal-iskart jew iċ-ċirkustanzi li fihom ikun ġie prodott, mill-kliem tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 jirriżulta li din id-dispożizzjoni tapplika għal residwi ġġenerati minn avarija, fil-forma ta' skart ta' metall u tal-ilma għat-tifi tan-nar imħallta mal-ħama jew residwi ta' tagħbija.

51. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mix-xogħol preparatorju, mill-istruttura tar-Regolament Nru 1013/2006 u mill-għan tiegħu.

52. L-ewwel nett, għalkemm l-analiżi tax-xogħol preparatorju ta' dan ir-regolament ma hijiex, waħedha, determinanti fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(3)(b) ta' dan tal-aħħar, madankollu ma hijiex irrilevanti f'dan ir-rigward.

53. Fil-fatt, għalkemm l-Artikolu 1(3)(b) tal-proposta tal-Kummissjoni li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006 kienet tipprevedi li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament [16] il-"vjeġġi ta' skart prodotti abbord ajruplani ċivili waqt it-titjira, matul id-durata intiera tat-titjira sal-inżul" [17], fit-tieni qari l-Parlament ippropona li din l-esklużjoni tiġi estiża għal skart iġġenerat abbord vetturi, ferroviji u bastimenti, għar-raġuni li "[l]-eżenzjoni tal-iskart iġġenerat abbord ajruplani għandha tiġi estiża għal kull tip ta' trasport ieħor, għaliex fin-nuqqas id-dispożizzjonijiet tar-regolament ikunu sproporzjonati fir-rigward tal-iskart iġġenerat abbord vetturi li ma humiex ajruplani" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [18].

54. Issa, la l-proposta inizjali tal-Kummissjoni, la l-emendi proposti mill-Parlament, u lanqas l-ispjegazzjonijiet dwar dawn il-proposti ma jirreferu għal ebda rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jeskludi ċertu skart mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 u li din id-dispożizzjoni tiġi limitata għall-iskart prodott fil-kuntest tal-funzjonament normali tal-mezzi ta' trasport imsemmija.

55. Ċertament, kif sostnut mil-Land ta' Niedersachsen, l-esklużjoni relatata mal-avjazzjoni ċivili kif espressa fir-Regolament Nru 259/93 setgħet qabel kollox tolqot l-iskart kollu ġġenerat abbord ajruplani u matul it-titjiriet. Madankollu, nikkonstata li l-leġiżlatur tal-Unjoni bl-ebda mod ma speċifika n-natura tal-iskart ikkonċernat, u lanqas iċ-ċirkustanzi li fihom għandu jiġi prodott.

16 Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vjeġġi ta' skart (COM(2003) 379 finali).

17 Nirrileva li din id-dispożizzjoni essenzjalment tirrepeti l-esklużjoni li tidher fl-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament Nru 259/93.

18 Rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-10 ta' Ottubru 2005 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill għall-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġarr tal-iskart (15311/4/2004 – C6 0223/2005 – 2003/0139(COD)).

56. Barra minn hekk, nirrileva li l-kamp ta' applikazzjoni tal-esklużjoni kien ġie estiż b'mod kunsiderevoli, sa fejn din ma għadhiex iktar tirrigwarda biss l-avjazzjoni ċivili, imma l-iskart iġġenerat abbord diversi mezzi ta' trasport fosthom l-ajruplani. Jidhirli għalhekk li, meta ddeċieda li l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 jiġi estiż għal mezzi oħra ta' trasport, il-leġiżlatur tal-Unjoni neċessarjament inkluda l-iskart li jista' jiġi prodott speċifikament f'kull wieħed minn dawn il-mezzi ta' trasport. Għaldaqstant, il-fatt, enfasizzat mill-qorti tar-rinviju, li, peress li l-avariji huma rari fil-kuntest tat-trasport bl-ajru, dawn ma humiex koperti minn dan ir-regolament, ma jistax jinfluwenza l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(3)(b), tar-Regolament Nru 1013/2006 kif jirriżulta mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni.

57. It-tieni nett, l-interpretazzjoni sistematika tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 1013/2006 tikkonferma l-interpretazzjoni li tirriżulta minn kliem din id-dispożizzjoni.

58. Minn naħa, inqis, bħal Conti, li mit-tqabbil tal-esklużjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 1(3)(a) u (b) tar-Regolament Nru 1013/2006 jirriżulta li, fir-rigward tat-tieni esklużjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma xtaqx jintroduċi restrizzjonijiet dwar il-mod kif ikun ġie prodott l-iskart.

59. Min-naħa l-oħra, jien naqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni li tgħid li, peress li l-Artikolu 1(3)(a) tar-Regolament Nru 1013/2006 għandu l-għan li tiġi evitata sovrappożizzjoni bejn il-leġiżlazzjoni dwar trasferimenti ta' skart u d-Direttiva 2000/59/KE [19], din l-esklużjoni hija mingħajr konsegwenza fir-rigward tal-interpretazzjoni mitluba mill-qorti tar-rinviju.

60. Fil-fatt, il-portata tal-Artikolu 1(3)(a) tar-Regolament Nru 1013/2006 hija ddefinita fid-dawl tal-Konvenzjoni Marpol. Issa, id-Direttiva 2000/59, applikabbli għall-iskart iġġenerat mill-funzjonament normali ta' bastimenti [20] koperti minn din il-konvenzjoni, tobbliga lill-Istati Membri sabiex jagħmlu disponibbli u jużaw faċilitajiet tal-akkoljenza f'port intiżi għall-iskart tal-operat. B'hekk, il-kliem tal-Artikolu 1(3)(a) tar-Regolament Nru 1013/2006 jiggarantixxi li l-iskart li jkun ġej mill-operat normali ta' bastiment fis-sens tal-Konvenzjoni Marpol ikun esklużivament irregolat mid-Direttiva 2000/59.

61. It-tielet nett, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-għanijiet tar-Regolament Nru 1013/2006, u b'mod partikolari tal-għan ta' protezzjoni tal-ambjent [21] ma jippermettix li tiġi influwenzata l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(3)(b) ta' dan ir-regolament kif jirriżulta mill-kliem tiegħu.

62. F'dan ir-rigward, l-elementi li ressqet il-Kummissjoni huma, fil-fehma tiegħi, partikolarment konvinċenti.

63. Għalhekk, inqis, bħall-Kummissjoni, li, minħabba n-natura f'daqqa u imprevedibbli ta' avarija, fil-prattika jkun diffiċli ħafna, jekk mhux impossibbli, li l-kaptan ta' bastiment ikollu, qabel ma jittrakka f'port, l-informazzjoni meħtieġa għan-notifika prevista mir-Regolament Nru 1013/2006 [22].

64. Barra minn hekk, l-iskop tal-esklużjoni prevista fl-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 jimplika li din id-dispożizzjoni tiġi interpretata b'mod li s-soġġorn abbord bastiment ta' skart prodott minn avarija jiġi limitat.

19 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 358).

20 Skont l-Artikolu 2(c) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-Konvenzjoni Marpol.

21 Ara l-premessi 1 u 7 tar-Regolament Nru 1013/2006.

22 Skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, in-notifika għandha ssir billi jintużaw il-formoli li jidhru fl-Annessi IA u IB ta' dan ir-regolament. Issa, dawn il-formoli jeħtieġu ħafna informazzjoni relatata b'mod partikolari mal-iskart ikkonċernat.

65. Fil-fatt, ma huwiex irraġonevoli li jiġi previst li l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament għall-iskart bħalma huwa dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali jkollu l-effett li jdewwem id-dħul fil-port l-iktar viċin ta' bastiment li jġorr dan l-iskart u *de facto* jżid ir-riskju li jibqa' fuq il-baħar. Issa, fatt bħal dan, kif sostniet ġustament il-Kummissjoni, imur kontra l-għan ta' protezzjoni tal-ambjent imfittex mir-Regolament Nru 1013/2006.

66. Min-naħa l-oħra, ir-riskju enfasizzat mil-Land Niedersachsen huwa, fl-opinjoni tiegħi, ipotetiku.

67. Billi invoka l-għan ta' dan ir-regolament u l-prinċipju li l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod strett, il-Land Niedersachsen sostna, b'mod partikolari, li, jekk l-Istat Membru ma kienx konxju ta' dan l-iskart, huwa ma jkunx jista' jevalwa r-riskji li dan jirrappreżenta, b'mod partikolari għall-ambjent. Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġi evitat li l-kaptan tal-bastiment jiddeċiedi waħdu dwar id-destin tal-iskart, peress li dan joħloq riskju li bastimenti mgħobbija bi skart ikomplu jinnavigaw sabiex jelimimaw dan l-iskart xi mkien ieħor bl-orħos prezz jew illegalment.

68. F'dan ir-rigward, nirrileva, minn naħa, li l-proċedura ta' notifika prevista mir-Regolament Nru 1013/2006 bl-ebda mod ma tipproteġi kontra r-riskju li bastimenti mgħobbija bi skart ikomplu n-navigazzjoni tagħhom biex jeliminawh b'inqas spejjeż jew b'mod illegali. Għalhekk, l-applikazzjoni ta' din il-proċedura ma jistax ikollha l-effett li tiskoraġġixxi l-kaptan ta' bastiment milli jelimina skart b'mod illegali jew li jfittex li jeliminah bi spiża inqas milli fi ħdan l-Unjoni. Għall-kuntrarju, ma huwiex eskluż li l-konsegwenza tal-ispiża tal-imsemmija proċedura tkun li tali aġir jiġi inkoraġġit.

69. Min-naħa l-oħra, fid-dawl tal-obbligi taħt id-dritt internazzjonali indirizzati kemm lill-Istati kif ukoll lill-atturi privati tal-qasam marittimu, xi drabi murija f'atti tad-dritt tal-Unjoni [23], ir-riskji maħluqa min-nuqqas ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006 [24] ma għandhomx, fl-opinjoni tiegħi, jiġu esaġerati.

70. Fil-fatt, fir-rigward, l-ewwel nett, ta' rimi intenzjonali ta' skart, il-Konvenzjoni ta' Londra tad-29 ta' Diċembru 1972 dwar il-Prevenzjoni tat-Tniġġis tal-Ibħra mir-Rimi ta' Skart u materjali oħrajn, kif emendata mill-Protokoll ta' Londra tal-1996, għandha l-għan li tintroduċi kontroll effettiv tad-diversi sorsi ta' tniġġis tal-ibħra kif ukoll miżuri għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-ibħra li jirriżulta mir-rimi fil-baħar, mifhum bħala r-rimi deliberat, ta' skart. Fil-kuntest ta' din il-konvenzjoni, ir-rimi fil-baħar huwa, bħala prinċipju, ipprojbit; madankollu, jista', b'eċċezzjoni, jiġi suġġett għal awtorizzazzjoni. L-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija konvenzjoni hija dmir b'mod partikolari tal-Istat tal-bandiera, li għandu l-inkarigu, fi kwalunkwe każ, li jimponi s-sanzjonijiet fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-konvenzjoni [25]. Fid-dritt tal-Unjoni, skont id-Direttiva 2005/35/KE [26],

23 Fuq dan il-punt, ara Bissuel, J-L., "L'Union européenne et l'application des normes adoptées par l'OMI", *Droit international de la mer et droit de l'Union européenne Cohabitation, Confrontation, Coopération*?, edizzjonijiet Pedone, Pariġi, 2014, p. 115 sa 141, b'mod partikolari p. 121 u 122, kif ukoll Langlais, P., *Sécurité maritime et intégration européenne*, Bruylant, Brussell, 2018, p. 189 sa 196.

24 F'dan ir-rigward, huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li l-Konvenzjoni ta' Basel ma tapplikax għar-rotta inizjali ta' MSC Flaminia. Barra minn hekk, jekk wieħed jassumi li l-iskart inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jiġi kklassifikat bħala "skart perikoluż", li ma jidhirx li huwa inkongruwu fid-dawl tal-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-osservazzjonijiet tal-partijiet, din il-konvenzjoni ma tkunx applikabbli għal trasferiment ta' skart perikoluż bejn ibħra internazzjonali u Stat Membru tal-Unjoni. Fil-fatt, minn naħa, skont l-Artikoli 1 u 2 ta' dik il-konvenzjoni, hija tapplika biss għal movimenti ta' skart bejn żoni li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali tal-Istati Partijiet, filwaqt li, fil-każ preżenti, it-trasferiment kien beda wara l-ħsara f'ibħra internazzjonali. Min-naħa l-oħra, skont id-dokumenti intitolati "Kooperazzjoni bejn il-Konvenzjoni ta' Basel u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali" (UNEP/CHW.11/17) u "Legal analysis of the application of the Basel Convention to hazardous and other wastes generated on board ships" (UNEP/CHW.11/INF/22, disponibbli bl-Ingliż biss) maħruġa mill-11-il Konferenza tal-Istati Partijiet fil-Konvenzjoni ta' Basel, li kienet inżammet f'Genève mit-28 ta' April sal-10 ta' Mejju 2013, l-għan tal-Artikolu 1(4) ta' dik il-konvenzjoni huwa li skart prodott barra minn tali operazzjoni normali jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-konvenzjoni.

25 Dwar din il-konvenzjoni, ara Vincent, P., *Droit de la mer*, Larcier, Brussell, 2008, p. 179 sa 181, kif ukoll Rothwell, D. R., u Stephens, T., *The International Law of the Sea*, it-tieni edizzjoni, Hart Publishing, Oxford, 2016, p. 402 sa 406.

26 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur (ĠU 2005, L 255, p. 11). Bil-ħsieb li jinkiseb l-għan segwit minn din id-direttiva, id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/667/ĠAI tat-12 ta' Lulju 2005 għat-tisħiħ tal-qafas tal-liġi kriminali għall-infurzar tal-liġi kontra t-tniġġis minn bastimenti (ĠU 2005, L 255, p. 164), tipprovdi għall-adozzjoni mill-Istati Membri ta' numru ta' miżuri fir-rigward tad-dritt kriminali.

l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiżguraw li r-rimi ta' sustanzi li jniġġsu minn bastimenti fi kwalunkwe waħda miż-żoni li hija tkopri, b'mod partikolari l-ibħra internazzjonali, ikun ikkunsidrat bħala ksur jekk isir intenzjonalment, b'mod imprudenti jew b'negliġenza gravi, sabiex jiġi żgurat li tali rimi ma jibqax mingħajr kastig [27].

71. Sussegwentement, l-obbligi li d-dritt internazzjonali u, b'mod partikolari, l-Artikolu 94 tal-Konvenzjoni ta' Montego Bay, jimponu fuq l-Istat tal-bandiera jippermettu wkoll li r-riskju invokat mil-Land Niedersachsen [28] jiġi limitat. Fil-fatt, minbarra l-adozzjoni ta' miżuri neċessarji sabiex tiġi żgurata s-sigurtà fuq il-baħar permezz ta' miżuri ta' kontroll u ta' monitoraġġ tal-bastimenti, din id-dispożizzjoni tobbliga lill-Istat tal-bandiera biex jibda investigazzjoni dwar kwalunkwe inċident tal-baħar jew inċident tan-navigazzjoni li seħħ f'ibħra internazzjonali fejn ikun involut bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu u li kkawża ħsara konsiderevoli lill-ambjent tal-baħar. Fid-dritt tal-Unjoni, l-obbligi li l-Istat tal-bandiera għandu skont il-liġi internazzjonali u, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, saru iktar effettivi permezz tad-Direttiva 2009/21/KE [29], li għandha bħala għan, skont l-Artikolu 1(1) tagħha, li tiżgura li l-Istati Membri jwettqu b'mod effettiv u konsistenti l-obbligi tagħhom bħala Stati tal-bandiera kif ukoll li tissaħħaħ is-sigurtà u jkun hemm prevenzjoni tat-tniġġis minn bastimenti li jtajru bandiera ta' Stat Membru.

72. Fl-aħħar nett, regoli oħra, bħall-kodiċi marittimu internazzjonali tal-merkanzija perikoluża jew il-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni għat-Tħaddim Sigur ta' Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis [30], inaqqsu wkoll ir-riskju ta' tniġġis meta jimponu regoli fuq kumpanniji tat-tbaħħir jew fuq il-kaptani ta' bastimenti.

73. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi, prinċipalment, għad-domanda tal-Landgericht München I (il-Qorti Reġjonali ta' München I) li r-residwi dovuti għal avarija, fil-forma ta' skart ta' metall u tal-ilma għat-tifi tan-nar imħallat ma' ħama jew residwi ta' tagħbija abbord bastiment, huma "skart iġġenerat fuq vetturi, ferroviji, ajruplani u bastimenti" fis-sens tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006.

74. Sussidjarjament, jiena ser neżamina, fit-taqsima li ġejja, l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fir-rigward tat-tieni parti tal-vjaġġ tal-iskart inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

B. Sussidjarjament

75. F'dak li jirrigwarda, minn naħa, it-trasferiment lejn id-Danimarka tal-ilma għat-tifi tan-nar ippompjat u, min-naħa l-oħra, it-trasferiment tal-iskart li ma nħattx fil-Ġermanja lejn ir-Rumanija, infakkar li l-qorti tar-rinviju eskludiet din il-parti mill-problema mqajma mill-fatti fil-kawża prinċipali mill-kamp tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

27 Ara l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva.

28 Inżid ngħid li, b'mod ġenerali, il-Parti XII intitolata "Protezzjoni u Preservazzjoni tal-Ambjent Marittimu" tal-Konvenzjoni ta' Montego Bay tobbliga lill-Istati biex jippreżervaw u jipproteġu l-ambjent tal-baħar. B'mod partikolari, l-Artikoli 217, 218 u 220 jistabbilixxu s-setgħat u l-obbligi tal-Istat tal-bandiera, tal-Istat tal-port u tal-Istat kostali f'dan ir-rigward.

29 Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera (ĠU 2009, L 131 p. 132).

30 Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi huma ġġeneralizzati għall-bastimenti kollha li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà fi ħdan il-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95 (ĠU 2006, L 64, p. 1). Dan ir-regolament jobbliga wkoll lill-Istati Membri biex jistabbilixxu u japplikaw sistema ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi.

76. Ċertament, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, huwa l-kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha tiddeċiedi t-tilwima li għandha quddiemha, billi tislet mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, l-elementi tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tal-kawża u, jekk ikun il-każ, li tifformula mill-ġdid id-domandi preliminari [31].

77. Madankollu, fid-dawl tas-suġġett tal-kawża prinċipali, huwa leġittimu li wieħed jistaqsi jekk, f'dan il-każ, ikunx tassew utli għall-qorti tar-rinviju li l-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 sabiex jiġi ddeterminat jekk din id-dispożizzjoni tapplikax għat-trasferimenti ta' skart inkwistjoni wara li l-bastiment ikun ħalla l-port Ġermaniż. Fil-fatt, jidher li mill-espożizzjoni ta' din it-tilwima jirriżulta li Conti qiegħda tfittex kumpens quddiem il-qrati Ġermaniżi għal diversi danni, fosthom id-dannu li jirriżulta mill-proċedura ta' notifika imposta mill-awtoritajiet Ġermaniżi. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-vjaġġ bejn il-Ġermanja u r-Rumanija, il-kwistjoni dwar jekk proċedura ta' notifika hijiex applikabbli tirrigwarda biss lill-awtoritajiet Rumeni.

78. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li hija għandha madankollu tinterpreta l-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 fid-dawl tat-trasferiment tal-iskart mill-port Ġermaniż lejn id-Danimarka u r-Rumanija sabiex tiġi ddeterminata l-applikabbiltà ta' dan it-test għal ċerti trasferimenti sussegwenti, nirrileva li l-kliem ta' din id-dispożizzjoni huwa ċar ħafna.

79. Għalhekk, l-esklużjoni stabbilita fl-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 tapplika "sakemm l-imsemmi skart ikun skarikat sabiex ikun irkuprat jew jintrema". Fid-dawl tas-sens tal-kelma "skarikat" [32], din id-dispożizzjoni timplika neċessarjament li l-iskart ikun telaq mill-bastiment u tqiegħed fuq l-art sabiex jiġi rkuprat jew eliminat [33].

80. Għaldaqstant, l-interpretazzjoni sostnuta mill-Kummissjoni li tgħid li t-terminu "skarikat" għandu jinftiehem bħala li jfisser "sal-ewwel port tal-pajjiż fejn huwa rreġistrat" għar-raġuni li r-Regolament Nru 1013/2006 għandu jiġi interpretat f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Basel ma tistax tiġi segwita.

81. Ċertament, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li s-supremazija tal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni fuq it-testi tad-dritt sekondarju teżiġi li dawn tal-aħħar jiġu interpretati b'mod konformi ma' dawn il-ftehimiet [34], għalkemm tali interpretazzjoni konformi hija meħtieġa biss "sa fejn ikun possibbli".

82. Issa, f'dan il-każ, lanqas ma huwa, fil-fehma tiegħi, possibbli li l-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 jiġi interpretat b'tali mod li l-kliem ta' din id-dispożizzjoni jiġi rrikonċiljat mal-Konvenzjoni ta' Basel.

83. Fil-fatt, mill-Artikolu 1 u mill-Artikolu 2(3) ta' din il-konvenzjoni jirriżulta li hija tapplika meta l-iskart jinġarr minn żona taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali ta' Stat parti lejn żona taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali ta' Stat ieħor parti, li huwa, f'dan il-każ, il-każ tat-trasferiment mill-Ġermanja lejn id-Danimarka [35] u r-Rumanija.

31 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Frar 2014, Crono Service *et* (C-419/12 u C-420/12, EU:C:2014:81, punt 28 kif ukoll ġurisprudenza ċċitata), u tal-21 ta' Diċembru 2016, Ucar u Kilic (C-508/15 u C-509/15, EU:C:2016:986, punt 51).

32 Skont il-*Petit Robert*, il-verb "débarquer", "faire sortir (des personnes, des choses) d'un navire, mettre à terre [tniżżel (persuni, affarijiet) minn bastiment, tħott għal fuq l-art]. Nirrileva li verżjonijiet lingwistiċi oħra tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 jikkorroboraw din l-analiżi, hekk kif it-termini użati huma anzi iktar speċifiċi. Għalhekk, it-termini "descargado", "losses", "Abladens", "offloaded" u "lastas" użati fil-verżjonijiet fil-lingwi Spanjola, Daniża, Ġermaniża, Ingliża u Svediża, iwasslu għall-idea li l-iskart li jikkostitwixxi t-tagħbija tal-bastiment kien ittieħed minn dan tal-aħħar.

33 Jiena ninnota, barra minn hekk, li l-qorti tar-rinviju tidher li għandha l-istess interpretazzjoni ta' dawn it-termini, billi ddikjarat li t-"termini ċari ta' dik id-dispożizzjoni derogatorja, din hija applikabbli, 'sakemm l-imsemmi skart ikun skarikat' u mhux sakemm jinħatt kwalunkwe skart, jew sakemm ikun hemm il-possibbiltà li jinħatt l-art".

34 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2014, Z. (C-363/12, EU:C:2014:159, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 L-ilmijiet tat-tifi tan-nar ittrasferiti lejn id-Danimarka kienu ġew ippompjati u, għaldaqstant, imneħħija mill-bastiment.

84. Min-naħa l-oħra, mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006, f'konformità ma' kliemu, jirriżulta li dan tal-aħħar ma huwiex applikabbli għat-trasferiment ta' skart li baqa' abbord l-MSC Flaminia, billi nħatt biss mal-wasla tiegħu fir-Rumanija [36].

85. Għalhekk, jekk l-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 jiġi interpretat f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Basel, dan ikun ibiddel b'mod fundamentali t-tifsira ta' din id-dispożizzjoni, imur kontra l-kliem magħżul mil-leġiżlatur tal-Unjoni [37] u, barra minn hekk, joħloq problema reali ta' ċertezza legali [38].

86. Barra minn hekk, billi tindika, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li "assimilazzjoni ta' dħul f'port għal tali 'skarikar' jidher li huwa diffiċilment kompatibbli fid-dawl ta' dan il-kliem inekwivokabbli", jidhirli li l-Kummissjoni tirrikonoxxi li tali interpretazzjoni konformi ma hijiex possibbli.

87. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, tista' tqum il-kwistjoni tal-konformità tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Basel.

88. Madankollu, ma nistedinx lill-Qorti tal-Ġustizzja tipproċedi *ex officio* għal stħarriġ tal-validità tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 fid-dawl tal-Konvenzjoni ta' Basel.

89. Fil-fatt, l-ewwel nett, nosserva li għalkemm il-kwistjoni tal-validità ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni tirriżulta manifestament minn, jew hija sottointiża fid-deċiżjoni tar-rinviju, allura l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jistgħu jiddeċiedu li jissottomettu osservazzjonijiet bil-għan li mhux biss din il-kwistjoni tiġi diskussa bejn il-partijiet [39], imma wkoll li l-awtur ta' att tal-Unjoni jkun parti fil-proċedura u jista' jippreżenta osservazzjonijiet f'dan ir-rigward [40]. Issa, dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jirrigwarda esklużivament l-interpretazzjoni tal-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 u l-kwistjoni tal-validità ta' din id-dispożizzjoni la tirriżulta manifestament, u lanqas impliċitament, mid-deċiżjoni tar-rinviju, b'tali mod li, minn naħa, hija ma ġietx diskussa bejn il-partijiet [41] u, min-naħa l-oħra, la l-Parlament u lanqas il-Kunsill, li huma l-awturi ta' dan ir-regolament, ma pparteċipaw fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

36 Nenfasizza li fil-punt 44 tal-osservazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni stess irrikonoxxiet li dan l-iskart "ċertament ma setax jiġi kkunsidrat bħala 'skarikat' fis-sens ordinarju tat-terminu qabel il-bidu tat-tieni vjaġġ".

37 Għalhekk, kif enfasizzat ġustament Conti matul is-seduta, il-leġiżlatur tal-Unjoni uża l-kelma "skarikat" u mhux il-"port li jmiss" u dan jagħmel differenza kbira fl-applikazzjoni tal-esklużjoni.

38 Fil-fehma tiegħi, huwa neċessarju li nagħmlu parallel f'dan ir-rigward mal-obbligu tal-qrati nazzjonali li jinterpretaw id-dritt tal-Unjoni li "huwa limitat mill-prinċipji ġenerali tad-dritt u ma jistax iservi ta' bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali" (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2016, Pöpperl (C-187/15, EU:C:2016:550, punt 44)).

39 Naômé, C., *Le renvoi préjudiciel en droit européen – Guide pratique*, it-tieni edizzjoni, Larcier, Brussell, 2010, p. 272.

40 Kif kien il-każ fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Schrems (C-362/14, EU:C:2015:650), billi l-Kummissjoni, awtur tal-att, kienet ipparteċipat fil-proċedura. F'dan ir-rigward, infakkar fl-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiżgura l-possibbiltà għall-Gvernijiet tal-Istati Membri u għall-partijiet interessati li jissottomettu osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tal-fatt li, bis-saħħa ta' dik id-dispożizzjoni, huma biss id-digrieti ta' rinviju li jiġu nnotifikati lill-partijiet ikkonċernati (ara s-sentenza tal-14 ta' April 2011, Vlaamse Dierenartsenvereniging u Janssens, C-42/10, C-45/10 u C-57/10, EU:C:2011:253, punt 44 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

41 Waqt is-seduta, din il-kwistjoni kienet tqajmet fil-qosor mingħajr ma l-partijiet, madankollu, ressqu argumenti f'dan ir-rigward.

90. It-tieni nett, il-validità ta' din id-dispożizzjoni hija rilevanti biss fir-rigward tat-trasferiment ta' skart bejn il-Ġermanja u r-Rumanija. Issa, kif enfasizzajt fil-punt 77 ta' dawn il-konklużjonijiet, Conti tixtieq tikseb kumpens għad-dannu li jirriżulta mill-ispejjeż tal-proċedura ta' notifika imposta mill-awtoritajiet Ġermaniżi. Għaldaqstant, minbarra l-fatt li Conti ma għandha l-ebda interess li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata l-invalidità tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 u l-ħtieġa ta' proċedura ta' notifika għall-iskart ittrasferit lejn ir-Rumanija, tali konstatazzjoni ma jkollha l-ebda utilità fil-kuntest tal-kawża prinċipali [42].

91. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li tingħata deċiżjoni *ex officio* dwar il-validità ta' din id-dispożizzjoni jidhirli li jkun inkompatibbli mar-rwol mogħti lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Artikolu 267 TFUE.

92. Jiena wkoll tal-fehma li, fid-dawl tan-natura, tal-istruttura u tal-fatt li l-individwi, bħala regola, ma jgawdux drittijiet u libertajiet awtonomi bis-saħħa tal-Konvenzjoni ta' Basel, id-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni ma jistgħux iservu ta' bażi għal stħarriġ tal-validità tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006 [43].

93. Għaldaqstant, peress li l-iskart ittrasferit abbord l-MSC Flaminia, mill-Ġermanja lejn ir-Rumanija ma ġiex skarikat, l-esklużjoni prevista fl-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament Nru 1013/2006, tibqa' tapplika b'tali mod li dan ir-regolament ma huwiex applikabbli għal dan it-trasferiment.

IV. Konklużjoni

94. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari magħmula mil-Landgericht München I (il-Qorti Reġjonali ta' München I, il-Ġermanja) bil-mod li ġej:

L-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart għandu jiġi interpretat fis-sens li r-residwi minħabba avarija, fil-forma ta' skart ta' metall u tal-ilma għat-tifi tan-nar imħallat ma' ħama u residwi ta' tagħbija abbord bastiment, huma "skart iġġenerat fuq vetturi, ferroviji, ajruplani u bastimenti" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

42 Fil-ġurisprudenza, l-evalwazzjoni *ex officio* tal-validità ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea teħtieġ li tkun ta' valur għall-qorti tar-rinviju. Għalhekk, kif tinnota Caroline Naômé, il-Qorti tal-Ġustizzja tipproċedi b'dan il-mod meta d-domanda tikkonċerna perspettiva formali dwar l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, imma jirriżulta li l-qorti tar-rinviju fil-verità tistaqsi dwar il-validità ta' dik id-dispożizzjoni (ara Naômé, C., *op. cit.*, p. 272).

43 Ara l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jiġu invokati d-dispożizzjonijiet ta' ftehim internazzjonali li l-Unjoni hija parti fih bħala sostenn għal azzjoni għall-annullament ta' att ta' dritt sekondarju tal-Unjoni jew eċċezzjoni meħuda mill-illegalità ta' tali att, kif imfakkra fis-sentenza tat-13 ta' Jannar 2015, Il-Kunsill *et* vs Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht (C-401/12 P sa C-403/12 P, EU:C:2015:4, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).